**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 143/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:-28**

**Redent Agius (K.I. 461085M)**

**10, Triq San Nikola,**

**Kirkop**

**Vs**

**Cleaven Portelli (K.I. 324396M)**

**218, Amber Block, Blk 2 Flat 3**

**Triq Alfred Cachia Zammit,**

**Zejtun**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mill-attur fit-13 ta' April, 2018 permezz tieghu qed jitlob li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' elf disa' mija u sebghin ewro (€1,970)

rapprezentanti bilanc ta' hlas ta' xoghol konsistendi fi spray (zebgha) maghmul fuq id-dghajsa bl-isem 'JG' fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa a fol 15 li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat fil-kawza; li x-xoghol allegat li sar fuq cabin cruiser kien mhux s-sengha apparti fatti ulterjuri li ser jigu pruvati.

Ra fol 19 x-xhieda tal-atti li permezz taghha spjega li l-konvenut inkariga biex jaghmillu xohgol fuq id-dghajsa tieghu. Ftehmu fuq il-prezz u l-konvenut hallsu hames mitt ewro (€500) bhala depozitu. Kif beda x-xoghol il-konvenut zdiedlu aktar xoghol fuq l-istess dghajsa. Gara li mal-hin l-konvenut qisu ried li jsir tpartit tax-xoghol b'karozza u meta huwa qallu li dik ma tghoddx ghalih il-konvenut tefghalu botta li huwa kien behsiebu jhallas il-bilanc bi tpartit mal-karozza izda wara qallu biex ilesti x-xoghol halli jhallsu tal-kumplament. Huwa lesta x-xoghol izda l-flus ma waslu qatt. Huwa spjega x-xogholijiet li ghamel fuq din id-dghajsa kif murija fl-invoice a fol 26 u li kif meta lesta x-xogholijiet il-konvenut kien qallu li l-ghada ser imur ihallsu.

A fol 18 l-attur ghalaq il-provi tieghu.

A fol 32 l-konvenut xehed li li l-prezz miftiehem kien ta' elf sitt mija u tmenin ewro (€1,680) u huwa hallsu hames mitt ewro (€500) akkont. Il-ftehim kien li d-dghajsa jzarmaha u narmaha l-attur. Il-ftehim kien li x-xoghol jitlesta sal-ahhar ta' Jannar, 2018 izda dan ma garax. Dwar fol 26 huwa jghid li din l-ircevuta qatt ma raha b'ghajnejh hlief meta bdew dawn il-proceduri. Huwa qed jirrifjuta li jhallas ghax ix-xoghol ma giex sewwa, li huwa ghamel nofs l-afarijiet miftehma u kellu jhallas lil haddiehor biex isewwi d-difetti tal-atttur. L-attur ma zarmax u rema kif kellu jaghmel u dan ix-xoghol kellu jsir mill-mastrudaxxa certu Patrick. Id-dghajsa hija JG cabin cruiser. Patrick kellu jaghmel *repair spray of all wooden parts* u dan ghax l-ghamara li sprejja l-attur giet bl-orange peel u hariglu difett. Hargu qishom cracks bix-xemx wara li d-dghajsa ghadda certu zmien minn fuqha. Huwa spjega li d-dghajsa ma kienetx tieghu u li x-xoghol li qabbad lill-attur huwa spicca mar minn taht ghax is-sid hallsu biss elf sitt mija u tmenin ewro (€1,680) mentri huwa spicca jhallas elfejn u mitejn ewro (€2,200) biex ix-xoghol sar sewwa.

In kontro-ezami l-konvenut xehed li l-attur spiccalu x-xoghol fl-ewwel gimgha ta' Frar, 2018. Il-prezz miftiehem kien ta' elf sitt mija u tmenin ewro (€1,680) u l-attur naqas li jaghmel shower, ghamel door sample ta' dghajsa ohra u lanqas qallu li ser jiccargjah tieghu, 2 *extra plywood cash or repair* ma jafx x'inhi ghax ir-repair li ftehmu dwaru kien inkluz fil-prezz miftiehem. 5 door divizorji dawn ix-xoghol sar. Batun sebghin ewro (€70) ghamlu u ghadu sal-lum ma twahhalx ghax kif ghamlu ma giex sewwa u kellu jaghmel bicca stainless steel. Shelves bedroom mija u hamsin ewro (€150) saru izda kienu inkluzi fil-prezz. Huwa spjega li l-attur qatt ma mar jiccekja kif ix-xoghol ma kienx sar sewwa.

Dwar il-vettura huwa jghid li l-attur kien obbliga ruhu li jixtriha minghandu. Huwa kkonferma li x-xogholijiet imsemmija fl-ircevuta a fol 26 kollha saru izda x-xoghol ma giex sewwa u naqqaslu d-door sample , il-piece wook u l-bibien inkluzi fis-somma ta' elf sitt mija u tmenin ewro (€1,680) li meta tnaqqas il-hames mitt ewro (€500) deposit jigu elf mija u sebghin ewro (€1,170).

A fol 37 xehed Ryland Portelli xehed li huma inkarigaw lil attur biex jispreja l-ghamara ta' gewwa tad-dghajsa. Fthemu li ser jaqla' jispreja u jerga jigi jwahhal l-ghamara fuq il-post. L-ghamara kellhom jaqalghuha huma u tawhielu biex jisprejha. Izda din kellhom iwahluha huma cioe' hu u John Cilia u meta ghamlu dan ra l-orange peel fl-ispray u kellhom jergghu jaqilghuha. Il-bibien xkatla u sprejhom Patrick.

A fol 41 xehed John Cilia u spjega li l-attur kellu jaghmel xoghol tal-injam fuq id-dghajsa kien hemm bibien, cupboards fost ohrajn izda meta sar ix-xoghol deher orange peel u kellhom jaghmluh mill-gdid. Huma ta' dan ix-xoghol hallsu lil Patrick tlett elf u mitejn ewro (€3,200) (fol 46).

Il-konvenut iddikjara li ma ghandux aktar provi a fol 31.

Konsiderazzjonijiet

Din hija kawza fejn l-attur ghamel xoghol fuq inkarigu tal-konvenut fuq dghajsa liema xogholijiet kienu jikkonsistu f'xoghol ta' spray (zebgha) fuq id-dghajsa bl-isem ta' JG. Il-prezz miftiehem kien ta' elf sitt mija u hamsin ewro (€1,650) li minnhom il-konvenut hallsu hames mitt ewro (€500) akkont. Ix-xogholijiet saru izda wara rrizulta lill-konvenut li deher l-orange peel fix-xoghol ta' spray (zebgha) li saru li kellhom jinkariga lil haddiehor biex jirranga dawn id-difetti u li skont l-istess konvenut wehel spejjez addizzjonali li sid id-dghajsa li ngarigah ma kienx lest li jhallas.

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis- sentenza ta' din il-Qorti tad-09 ta' April 1968 fil-kawza **"Busuttil vs Fedele et"** fejn kienet citata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc moghtija fid-09 ta' Marzu, 1939 fil-kawza **"Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433). Fis- sentenza citata, din il-Qorti qalet hekk –

*... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, l-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jippruvaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju, 1994 fil- kawza **"Bonnici noe vs Sammut"**.

Issa kwantu għal grad ta' prova rikjest fi proċeduri ċivili ġie ritenut li:

"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal- probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp

kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952)."

Illi dan it-Tribunal jinnota li ghalkemm il-konvenut xehed u anke tellgha xhieda li jghidu li x-xoghol ma sarx sewwa u kif fiz-zebgha jew spray deher l-orange peel, huma naqsu li jippruvaw li effettivament dawn ix-xogholijiet riparatorji effettivament saru u saru minn certu Patrick li huma jsemmu u li ta' tali xogholijiet riparatorji hallsu skont l-istima li skont huma tahhom dan Patrick liema stima hija datata 10 ta' April, 2018 u li tinsab a fol 46. Tali dokument a fol 46 datata 10 ta' April, 2018 huwa order u fl-istess hin ghandu 'paid in full' u dan meta skont l-istess konvenut ix-xogholijiet kienu tlestew mill-attur f'April, 2018 u ghalhekk ma jistax ikun li x-xogholijiet ripartorji kienu lesti fl-10 ta' April, 2018. Fuq kollox dan Patrick ma ttellghax jixhed mill-konvenut biex jispjega ezatt dan id-dokument a fol 46 xi jfisser. Inoltre jinghad ukoll li fol 27 il-konvenut tramite l-avukat tieghu jallega li tali kont ta' elf disa' mija u sebghin ewro (€1,970) diga hallsu lill-attur meta huwa zamm id-depozitu fuq vettura BMW3 li l-attur kien intrabat li jixtri, u dan apparti wkoll li jsemmi fl-istess ittra li x-xoghol kien difettuz.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoniiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tal-attur u jordna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf disa' mija u sebghin ewro (€1,970) bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tas-07 ta' Marzu, 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**